MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 239/2007

**GO plc**

**Vs**

**Gaetano Debattista u Debattista Holdings Limited**

## Il-Qorti:-

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tnejn (2) t'Awwissu 2007 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' erbat elef, mija sitta u erbghin u erbgha centesmi maltin ekwivalenti ghal disat elef sitt mija sebgha u hamsin euro u tmienja u sittin euro centesmu (€9,657.68) rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici 21580843 (CN103530, AC10191998) skond kif jirrizulta mill-anness Dok. 'A','B','C' u 'D'.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxxijiet kontra l-konvenuti li huma ngunti 'n subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni w ippresentaw ir-risposta taghhom nhar is-sitta (6) ta' Novembru 2007 fejn eccepew is-segwenti:-

"Illi mhux l-ammont kollu pretiz mis-socjeta attrici huwa dovut mill-konvenuti u dan kif ser jkun ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza."

Semghet lil Dr. Ingrid Young ghas-socjeta attrici tixhed fis-seduta tas-sitta (6) t'Ottubru 2008 fejn ikkonfermat li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu pendenti u stqarret li nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 2001 l-konvenut Gaetano Debattista kien iffirma ftehim mas-socjeta attrici f'ismu personali fejn kien assuma id-debitu u fejn kien obbliga ruhu li jhallas id-debitu f'pagamenti mensili ta' LM265 li kellhom jibdew f'April 2001. Ikkonfermat li dan nonostante, l-konvenut m'ghamel l-ebda pagament akkont.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta attrici pprezentata fl-atti nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu 2009 fejn irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' disat elef, sitt mija wiehed u erbghin euro u wiehed u ghoxrin euro centesmu (€9641.21) stante pagament fil-mori tal-kawza odjerna.

Rat illi l-Qorti akkordat diversi differimenti lill-konvenuti sabiex ihallsu dan id-debitu jew iressqu d-difiza taghhom, izda dan nonostante, l-konvenuti baqghu m'ghamlu xejn.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici, ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma fil-konfront tal-konvenut personali Gaetano Debattista stante l-ftehim li ffirma, liema ftehim jinsab esebit fl-atti a fol.25 tal-atti odjerni.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Gaetano Debattista jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta' disat elef, sitt mija,**

**wiehed u erbghin euro u wiehed u ghoxrin euro centesmu (€9641.21) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi filwaqt li qed tichad it-talba attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta Gaetano Debattista Holdings Limited.**

**Bl-ispejjes kollha u l-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut Gaetano Debattista.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------